MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Rikors Kongunt Numru. 351/2012

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti AB;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Gunju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Ottubru, 1994;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti CD;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi huma ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-18 ta’ Lulju 2000 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemmx kwistjoni ta’ manteniment dovut minn xi hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------